# Beati u Qaddisin...Jannar

## SANT'ANTIN ABBATI (261 – 356)

## JANNAR 13




Antonio twieled qrib Eraclea (finonaha ta' fuq ta' l-Egittu) fis-sena 251 minn genituri nobbli, sinjuri u jibzghu minn Alla. Edukawh fir-religjon nisranija. Meta kellu biss 16 il-sena tilef lill- genituri tieghu u sab ruhu jiehu hsieb ta' ohtu izghar minnu. Kellu hafna u hafna gid.

Imma Alla kien qed isejjahlu ghal triq ohra. Sitt shur wara l-mewt ta' l-gheziez tieghu huwa sema' fi priedka l-kliem ta' Kristu " li min irid ikun perfett, ibiegh kull ma ghandu u jaghtih lill-foqra u jkollu tezor fis-sema, imbaghad jigi u jimxi warajja." Dan il-kliem impressjonah. Meta mar id-dar haseb biex jaghti minn gidu lill-foqra u zamm parti zghir ghall-ghexien tieghu u ta' ohtu. Aktar tard huwa halla lil ohtu f'idejn is-sorijiet gewwa monasteru u rtira fid-dezert biex hemm jghix hajja ta' penitenza.

Fid-deert huwa kien jghix hajja virtuza ma' eremiti ohra fejn spiss kien imur fic-cella taghhom biex jitghallem aktar fuq Kristu u t-triq li twassal ghal ghandu.

L-ikel kien jaqilghu bix-xoghol tieghu, u miz-zejjed li kien jifdal kien jaghtih lill-foqra. Imma x-xitan ma hamilx li dan il-guvni jghix hajja ta' qdusija u hadem fuq li hadem biex ifixklu; pero' Antonio kien jafda lilu nnifsu lil Gesu' lejl u nhar. Biex jiggieled lix-xitan kien jitlob u jitlob u jaghmel penitenza. Kien jiekol darba biss fil-jum u jorqod billi jimtedd fuq l-art.

Irtira gewwa ghar fid-dezert biex hemm jghaddi hajja ta' kontemplazzjoni, Hawn ix-xitan reag' beda' jittantah b'mod qawwi u ghalkemm mifni bihom kien jirrepetti il-vers tas-salm: *Minkejja li ezerciti shah qamu kontra tieghi qalbi ma tibzax*. U kien idur fuq ix-xitan u jghidlu li xejn ma jista' jifridni minn Kristu – kliem San Pawl.

Mieghu nghaqdu dixxipli ohra li rieduh imexxihom lejn il-qdusija. Lilhom kien jirrikmanda biex huma joqghodu attenti ghax-xewqat taghhom li kellhom ikunu mfassal fuq l-evangelju. Kien iqawwilhom qalbhom bil-kuragg fis-servizz ta' Alla u jfakkarhom biex jahsbu fuq in-Novissmi.

Miet fis-17 ta' Jannar tas-sena 356 fl-eta ta' 105 snin. Huwa qaddis imsejjah biex jintercedi ghalina meta jahkimna mard li jittiehed u kontra l-pesta.

Ikun ta' ezempju dan il-qaddis biex nirrikorru mill-ewwel lejn Alla fil-mumenti tat-tentazzjonijiet. Il-mortifikazzjonijiet flimkien mat-talb huma mezz biex nirbhu lix-xitan u l-opri hziena tieghu.